StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża

PARVA PARVORUM PULCHRA

# SKEJJEL PRIMARJI

## EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2013

| | | |
|---|---|---|
| **IR-RABA' KLASSI** | **Malti** | Ħin: **Siegħa u kwart** |

Isem:_____________________________________________ Klassi:___________________

| | |
|---|---|
| IL-MARKA | |
| | 60 |

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi.
- TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

Aqra sewwa din l-istorja.



**Betta u l-Ħemster**

Fost il-membri kollha tal-familja tagħha Betta tingwalaha l-iktar man-nannu Bernard. In-nannu Bernard għandu drawwa li kull nhar ta' Ħadd filgħodu jmur sa fuq il-monti tal-Belt. Lil Betta sikwit jeħodha miegħu, u t-tifla qatt ma terġa' lura d-dar b'idha f'idha għax in-nannu dejjem jixtrilha xi ħaġa. *(par. 1)*

Darba minnhom, waqt li kienu jduru fuq il-monti, Betta rat raġel li kien ibigħ il-ħemsters. Betta xeħtet għajnejha fuq ħemster kbir kannella u talbet lin-nannu jixtrihulha. Betta qabżet bil-ferħ għax in-nannu qatgħalha xewqitha. Iżda n-nannu kien jaf li d-dar mhux kulħadd kien ser jaċċettah. Imma l-praspar kienu jfaqqsu f'moħħ Betta bħad-dubbien tas-sajf. *(par. 2)*

Kien sewwa sew fis-sajf, li ġrat din il-praspura. Betta twebblet biex lejliet il-festa tieħu lill-ħemster magħha l-marċ ħalli anke hu jgawdi l-festa! In-nannu qalilha li din ma kinetx ħaġa flokha għax ħafna nies jibżgħu mill-ġrieden, iżda lil Betta mhux la kemm iddawrilha fehmitha għax għandha rasha iebsa. *(par. 3)*

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

Għall-ewwel Betta żammet il-ħemster fil-basket u kollox mexa ħarir, iżda l-ħemster ma seta' jgawdi xejn minn hemm ġew. Għalhekk Betta ħarġitu mill-basket ħalli jkun jista' jara l-bandisti u l-istrumenti tagħhom. *(par. 4)*



F'dik ir-rassa kollha xi ħadd laqat lil Betta u tajrilha l-ħemster minn idha.......Tistgħu taħsbu x'qatgħa kbira ħa l-bandist bit-trumbetta meta ra l-ħemster max-xifer tat-tromba tal-istrument tiegħu! Għalkemm kien fih raġel inzerta jibża' wisq mill-ġrieden, u bil-qatgħa li ħa tajjar l-istrument tiegħu. Meta mar biex jiġbor l-istrument tiegħu, il-bandisti ta' warajh tfixxklu fih u waqgħu xi erbgħa fuq xulxin! Il-banda tħarbtet għal kollox u l-marċ spiċċa f'paniku sħiħ. Meta n-nies raw lil dak il-ġurdien bla denb, infexxew jgħajtu u jwerżqu daqs li kieku raw xi ħares. *(par. 5)*

L-imsejken ħemster spiċċa mal-art u riedet tkun il-ħeffa ta' Betta li ħelsitu minn taħt iż-żarbuna kbira ta' wieħed raġel li kien ġa refa' sieqis biex joqtlu. *(par. 6)*



www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

| Taqsima A: | Il-Qari | (30 marka) |
|---|---|---|

**1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel √ fil-kaxxa. Ara l-eżempju.**

a. Din l-istorja hija fuq (½ marka x 4 = 2 marki)

| | |
|---|---|
| Betta u l-ħemster. | √ |
| il-festa tar-raħal. | |
| il-familja ta' Betta. | |

b. Betta kienet tmur tajjeb

| | |
|---|---|
| mal-familja kollha. | |
| man-nanna. | |
| man-nannu. | |

ċ. Betta xtrat il-ħemster

| | |
|---|---|
| minn għand ħabib tan-nannu. | |
| mill-monti. | |
| mill-ħanut. | |

d. Il-ħemster ġej mill-familja tal-

| | |
|---|---|
| ġrieden. | |
| klieb. | |
| qtates. | |

e. Il-praspura ta' Betta ġrat

| | |
|---|---|
| ġurnata qabel il-festa. | |
| dak inhar tal-festa. | |
| ġimgħa wara l-festa. | |



www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**2. Għid jekk is-sentenza hijiex VERA jew FALZA. Ara l-eżempju.**

(5 marki)

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| a. | In-nannu dejjem kien jixtri lil Betta xi ħaġa minn fuq il-monti. | √ | |
| b. | In-nannu xtralha ħemster. | | |
| ċ. | Waqt il-marċ, Betta ħarġet lill-ħemster mill-gaġġa. | | |
| d. | Għall-marċ kien hemm ħafna nies. | | |
| e. | Il-ħemster spiċċa fuq ras bandist. | | |
| f. | Betta tilfet il-ħemster. | | |

**3. Wieġeb.**

a. Meta kien imur fuq il-monti n-nannu? (marka)



______________________________________________

b. X'rat Betta li tant għoġobha? (marka)

______________________________________________

ċ. Taħseb li l-familja ta' Betta kienet ħa tieħu gost bil-ħemster? (marka)

______________________________________________

d. Ikteb is-sentenza li turi dan. (marka)

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com

e. Għaliex Betta riedet toħroġ lill-ħemster lejlet il-festa? (marka)

f. Il-ħemster, kif spiċċa fuq ix-xifer tat-trumbetta? (marka)

g. F’paragrafu 6, in-narratur jiddeskrivi l-ħemster bħala (marka)

ġ. Kif kien ħa jispiċċa l-ħemster li kieku ma qabditux Betta fil-ħin? (marka)

għ. Taħseb li Betta għamlet ħaġa tajba li ħarġet il-ħemster magħha? Għaliex? (2 marki)



StudentBounty.com

www.StudentBounty.com

**4. Qabbel l-idjoma/kliem mat-tifsira. Ara l-eżempju.** (5 mar

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | **twebblet** ***(par. 3)*** | | ma tibdilx fehmitha |
| b. | qatgħalha xewqitha *(par. 2)* | | kollox mar tajjeb |
| ċ. | kollox mexa ħarir *(par. 4)* | | kien kbir |
| d. | rasha iebsa *(par. 3)* | **a** | **tħajret** |
| e. | kien fih raġel *(par. 5)* | | malajr |
| f. | ħeffa *(par. 7)* | | taha dak li xtaqet |

**5. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxa ta' taħt.** (½ marka x 4 = 2 marki)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ir-rota | ~~l-ikel~~ | tnaddaf | il-moħba | ~~Nadif~~ | gaġġa |

Kif għandi nieħu ħsieb ħemster.

a. Il-ħemster għandu bżonn li jkollu **l-ikel** u ilma **nadif**.

b. Trid _______________ il-gaġġa ta' spiss.

ċ. Tpoġġix il-________________ fejn hemm ħafna sħana.

d. Il-ħemster iħobb idur fuq _____________ għalhekk tajjeb li l-gaġġa jkollha waħda.

e. Fil-gaġġa l-ħemster ikollu bżonn xi biċċiet tal-karti jew tiben biex jagħmel ______________ tiegħu.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

6. **Imla l-vojt skont x'jitolbok fil-kolonna tal-ġenb. L-ewwel waħda hija lesta.**
(½ marka x 12 = 6 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | Il-**qasrija** tinsab fuq il-mejda. | **Singular** ta' qsari |
| b. | Sab ____- arloġġ wara _____- siġġu. | Daħħal l-**artiklu** |
| ċ. | Toni ________________x'ħin jara l-kelb ta' Pawlu. | Il-**preżent** tal-verb feraħ |
| d. | Fil-bitħa kien hemm xi ________________ jilagħbu. | Il-**plural** ta' tifel |
| e. | Iz-zija kellha tifel u semmietu ________. | Daħħal **nom propju** |
| f. | "_____________ ir-rota u __________ sal-posta." | **Imperattiv** ta' rikeb u mur |
| ġ. | Ilbieraħ kont għajjien mejjet wara l-ħarġa ma' tal-iskola. | Agħmel **sing** taħt il-verb |
| g. | It-tifla ____________________ il-kontroll tar-rota. | Agħti **l-preżent** tal-verb t-l-f |
| għ. | Il-ħabiba kienet l-isptar u ħadttilha ___________________ fjuri. | Agħti **n-nom kollettiv** |
| ħ. | Din il-kamra għandha saqaf ____________ ħafna. | Agħti l-**kontra** ta' baxx |
| h. | Ommi ħaslet il-basket tal-iskola u issa ġie nadif _______________. | **Nadif ħafna**, aħna ngħidu... |

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

| **Taqsima B:** | **Il-Kitba** | **(30 marka)** |
|---|---|---|

1. **Il-ġenituri ħa jorganizzawlek festin għal għeluq sninek. Imla dan l-invit lill-akbar ħabib/ħabiba tiegħek.** (5 marki)

# Invit



Lil: ______________________________________

Data: ______________________________________

Post: ______________________________________

Ħin: ______________________________________

Mingħand: ______________________________________

Nispera li narak!

www.StudentBounty.com

2. **Il-kuġina tiegħek tinsab l-isptar. Ikteb messaġġ ta' madwar 30 kelma biex tferraħha u tgħidilha meta ħa tmur taraha .** (5 marki)


dreamstime.com

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**3. Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti sabiħ ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn għaxar sentenzi fuq <u>WIEĦED</u> minn dawn it-titli**.

(20 marka)



(A) **Il-kamra tiegħi.**

Kif inhi l-kamra; x'għandek fiha; kif inhi mżejna.



(B) **Logħba li nħobb nilgħab.**

X'jisimha din il-logħba; kif tilgħabha; x'inhuma r-regoli; ma' min tilgħab din il-logħba.



(Ċ) **Is-senduq maġiku.**

Immaġina li inti kont qed tilgħab mal-kuġina fid-dar tan-nannu u sibtu senduq maġiku. Ikteb x'ġara, x'għamiltu u fejn mortu.



(D) **Iltqajt m'aljen**.

Immaġina li ltqajt m'aljen u tlajt fl-ispazju miegħu, ikteb x'għamilt, x'rajt, kemm domt u ddeskrivi l-aljen.

| **Uża dan l-ispazju biex tagħmel pjan għall-kitba tiegħek** | (bla marki) |
|---|---|

www.StudentBounty.com

**TITLU:** ____________ **(Ikteb ittra A, B, Ċ jew D)**

TMIEM IL-KARTA

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com